Ibqa' bil-qieghda ġod-daħla tal-bieb, u waqt li x-xemx tmellislek 'l-pala ta' sieqek xierfa, aħseb xwejjah, aħseb fil-ġrajja tieghek u tieghi u taghhom u taghna. Int ma tafnix u jien ma nafekx. Iżda lkoll qeghdin ġo ċirku wieħed. U f'dan iċ-ċirku kollox sabih. Ibqa' kif int. Terfax wiċċek 'il fuq. Thallix insir nafek.

---

## Meta Twelidt...

MINN

PAWLU MIFSUD

Jgħidli missieri
li meta twelidt jiena
għamlet xita bla ħniena
u ħa tixriba sewwa,
għax mexa minn Ħ'Attard sar-Raħal tagħna
joħlom bir-risq u l-ferħ u l-kenn ta' ġewwa.

U tgħidli ommi
li kienet ir-rebbiegħa,
u tgħaxxqet dik is-siegħa
għax kont l-ewwel tarbija;
w għalkemm warajja kellh'erbatax oħra
naħseb li l-akbar għożża r'fgħatha għalija.

Jgħiduli huma
li qablu xi jsemmuni
w isem in-nanna jtuni
biex hekk jibqa' ħjiel tagħha:
kienet, Alla jaħfrilha, mara twajba,
tħobb 'l Alla w'il kulħadd b'kemm kellha saħħa.

Nghidilkom jiena
li f'dik l-għodwa t'April —
ilu issa żmien twil —
kont bkejt xi żewġ bikjiet,
'mma kien biki ta' l-anġli mingħajr dnewwa;
illum mifni bl-imrar u nibqa' kwiet.

NOTA: Din il-poeżija nkitbet f'egħluq id-39 sena ta' ħajti li ħabat il-Ħamis 27/4/67.

## "IR-RUĦ FIL-KELMA"

ta'

OLIVER FRIGGIERI

STUDJU TA'
ĠUŻE' GALEA

DAN hu studju profond u motivat dwar ir-ruħ, il-qalb u l-bixra tal-letteratura kif jitnisslu mill-persunalità tal-kittieba. Fid-daħla għall-ktieb Oliver Friggieri jfisser il-fehma tiegħu dwar il-kriterji li għandhom iwasslu għal kritika ġusta u meqjusa li tagħti ħjiel mhux biss tal-valuri artistiċi, iżda wkoll tas-sentimenti spiritwali ta' l-artsit, anzi l-element spiritwali għandu jieħu l-ewwel post għax "l-għana spiritwali jittraxxendi l-forum u s-seħer tal-materja".

Iżda l-ispiritwalità weħidha mhix biżżejjed biex toħloq ġmiel u sedqa letterarja. Il-kittieb, biex jirnexxi, jeħtieġlu jġarrab u jistħarreġ dak kollu li taf trodd il-ħajja għax l-esperjenza tnebbħu kif ifisser ix-xenqat u t-tqanqil li jaħkmu fuq in-nisel uman. Fi ftit kliem, biex wieħed ikun jista' jagħmel apprezzament serju tal-ħajja, jeħtieġ ikollu esperjenza tagħha.

Il-letteratura, bħal ġeneri artistiċi oħra, fiha nnifisha aktarx hi s-sublimazzjoni ta' l-esperjenza. Mingħajr esperjenza, il-kittieb jista' jfassal qari sabiħ iżda mhux xogħlijiet letterarji li jqanqlu l-qalb u jixegħlu l-moħħ.

L-awtur intebaħ sewwa bil-problema li jiltaqa' magħha l-kritiku sinċier u għaraf ifisser tajjeb il-fili li għandu jiġbed biex isolvih: il-kritiku jsib ruħu quddiem tliet entitajiet: dik ta' kittieb, dik tal-pubbliku li jaqra u dik tiegħu nnifsu, u biex ikun ġust, irid ilaqqa' l-motivi ta' dawn it-tlieta billi jara l-persunalitajiet tagħhom kif jikkombinaw u jikkonċertaw bejniethom. Il-fehma tiegħu għandha tkun li jara jekk minn dak il-kunċert trinomju toħroġx armonija jew le.

Id-daħla ta' Oliver Friggieri fiha nnifisha tħaddan teżi maħsuba bid-dehen u mirquma bil-għaqal; biċċa xogħol li weħidha biss tisfa l-bhala kontribuzzjoni mill-aktar importanti li qatt inkitbu f'ilsienna. L-awtur jagħfas fuq l-astratt u r-riflessiv, imma b'daqshekk ma jwarrabx l-element loġiku għax din id-daħla ma hix miktuba għall-qarrej ordinarju, iżda għall-qarrej intellettwali li jixtieq jeżerċita l-intelliġenza u ma jbarrix l-argumenti u l-ispekulazzjonijiet.

Wara d-daħla, Friggieri jgħaddi għall-kritika ta' wħud mill-poeti u prożaturi u jibda mill-poeta nazzjonali. Dun Karm għadu ma sabx il-